

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professionist Legali](#) > [Sib Espert](#) > Romania

## Sib espert

Rumanija

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Rumanija



### I. Listi u reġistri ta' esperti

Fir-Rumanija, l-esperti huma elenkati skont l-ispeċjalizzazzjoni. Ir-reġistri tal-esperti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-qrati mill-Ministeru tal-Ġustizzja u jinżammu mill-qrati ċivili jew mill-qrati kriminali. Il-listi jistgħu jinstabu [hawnhekk](#).

L-esperti jiġu awtorizzati u elenkati fir-reġistru wara eżami organizzat mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Sabiex jikseb l-istatus ta' espert ġudizzjarju, kandidat irid jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikun ċittadin Rumen, ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat li jappartjeni għaż-Żona Ekonomika Ewropea jew ċittadin tal-Konfederazzjoni Żvizzera;
- ikun jaf il-lingwa Rumena;
- ikollu kapaċità legali sħiħa;
- ikun gradwat fl-ispeċjalità li għaliha jkun preżenti fl-eżami għall-esperti, ippruvat b'diploma;
- ikollu mill-anqas tliet snin esperjenza f'din l-ispeċjalità;
- ikun f'kundizzjoni medika tajba għax-xogħol ta' espert;
- ma jkollu l-ebda rekord kriminali u jkun igawdi reputazzjoni professjonali u soċjali tajba;
- ikun iddikjarat li għadda mill-eżami organizzat mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Iċ-ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew li jappartjeni għaż-Żona Ekonomika Ewropea u ċ-ċittadin Rumen li jkun kiseb il-kwalifika professjonali neċessarja fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew li jappartjeni għaż-Żona Ekonomika Ewropea jista' jikseb l-istatus ta' espert fir-Rumanija bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Rumeni.

L-esperti jistgħu jitneħħew mir-reġistru jekk ikunu jixtiequ, jekk ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti jew jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi dan.

### II. Kwalifiki tal-esperti

L-esperti jridu jkunu membri ta' korp professjonali sabiex ikunu jistgħu jsejġu lilhom infushom esperti.

### III. Remunerazzjoni tal-esperti

#### 1. Proċedura ċivili

L-ordni tal-qorti li taħtar espert għandha tistabbilixxi t-tariffi tal-espert u, fejn ikun xieraq, il-ħlas bil-quddiem għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Il-qorti tista' titlob lill-espert jagħmel stima tal-ispejjeż tal-kompetenza esperta bil-miktub sa ċertu perjodu.

Il-prova tal-pagament tat-tariffa għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-qorti mill-parti li kienet marbuta bl-ordni, fi żmien ħamest ijiem mill-ħatra jew fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-qorti. Il-qorti tista' żżid it-tariffi sakemm jiġi ppreżentat ir-rapport.

## 2. Proċedimenti kriminali

L-espert huwa intitolat għal tariffa għat-twertiq tal-kompetenza esperta. L-ammont tat-tariffa jiġi stabbilit mill-prosekutur jew mill-qorti skont in-natura u l-kumplessità tal-każ u l-ispejjeż imġarrba mill-espert.

## IV. Responsabbiltà tal-esperti

L-esperti jinżammu responsabbli skont il-liġi ġenerali tal-obbligi. Huma obbligati jkopru r-responsabbiltà possibbli tagħhom permezz ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali.

L-esperti tekniċi ġudizzjarji haġja ta' mġiba ħażina mwettqa fl-eżerċizzju tal-attività tal-espert jistgħu jkunu soġġetti għas-sanzjonijiet dixxiplinarji li ġejjin mill-espert Tekniku Ġudizzjarju Tekniku Ċentrali, fir-rigward tal-gravità tar-reat imwettaq:

- twissija bil-miktub;
- is-sospensjoni tad-dritt ta' eżerċizzju tal-kompetenza esperta ġudizzjarja għal perjodu ta' tliet xhur sa sena;
- l-irtirar tal-istatus ta' espert ġudizzjarju.

## V. Informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti tal-esperti

Id-dispożizzjonijiet legali ewlenin applikabbli għall-kompetenza ġudizzjarja fir-Rumanija huma l-Artikoli 330-331 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Rumena. Barra minn hekk, japplikaw ukoll l-Artikoli 172-191 tal-Kodiċi Rumena tal-Proċedura Kriminali.

L-esperti huma elenkati skont l-ispeċjalizzazzjoni. Ir-reġistri tal-esperti huma pubbliċi u huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

L-esperti jridu japplikaw biex jiġu rreġistrati fir-reġistru.

### 1. Ħaġra ta' esperti

Il-liġi ċivili Rumena tipprovdi għall-ħaġra ta' espert wieħed jew ta' tliet esperti. L-esperti jistgħu jinħatru mill-qorti u mill-partijiet involuti. Il-partijiet jistgħu jaqblu fuq espert wieħed. Jekk ma jaqblux, l-espert jinħatar b'mod każwali mill-qorti f'sessjoni pubblika, minn lista mfassla u kkomunikata mill-uffiċċju tal-perizja.

Il-liġi kriminali Rumena tipprovdi għall-ħaġra ta' espert wieħed biss. L-espert jista' jinħatar mill-qorti matul il-proċess u mill-prosekutur matul il-fażi tal-investigazzjoni kriminali. B'mod ġenerali, il-prosekutur jew il-qorti jaħtru espert wieħed. Huwa biss f'sitwazzjonijiet fejn ikun meħtieġ għarfien interdixxiplinarju li jinħatru żewġ esperti jew aktar.

Għal dan il-għan, jintuża l-istess reġistru tal-proċedimenti ċivili. Ir-rekwiżiti għall-esperti huma l-istess kemm fil-proċedimenti kriminali kif ukoll fil-proċedimenti ċivili.

#### (a) Ħaġra minn qorti

Il-qorti ċivili jew il-qorti kriminali għandha s-setgħa li taħtar espert *ex officio* jew skont it-talba espliċita ta' xi waħda mill-partijiet jekk il-fatti rilevanti jkunu jistgħu jiġu stabbiliti biss bl-għajnuna ta' speċjalista. F'dan il-każ, l-espert iwieġeb għall-mistoqsijiet li jsiru mill-qorti jew mill-prosekutur sa data speċifika. L-espert irid jirrapporta kwalunkwe kunflitt ta' interess lill-qorti. L-esperti maħtura mill-qorti għandhom aċċess għall-fajl.

#### (b) Ħaġra mill-partijiet

Hemm bosta tipi ta' esperti maħtura mill-partijiet fir-Rumanija:

- Esperti indipendenti awtorizzati maħtura fuq talba tal-partijiet jew tal-akkużati (l-Artikolu 172 (8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali)
- Esperti uffiċjali minn laboratorji jew istituzzjonijiet speċjalizzati

- Esperti nazzjonali indipendenti awtorizzati
- Minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 172 (8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali).

Meta ma jkunx hemm esperti awtorizzati disponibbli, il-qorti tista' titlob l-opinjoni ta' persuna jew speċjalista waħda jew aktar fil-qasam rispettiv (il-paragrafu 3 tal-Artikolu 330 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), li għalhekk ikunu esperti extraġudizzjarji u xhieda esperti. L-esperti maħtura mill-partijiet jikkontrollaw l-azzjoni ta' espert maħtur mill-qorti. Mhuwiex possibbli li l-partijiet jaħtru espert mingħajr ma l-qorti tkun ħatret espert (il-paragrafu 4 tal-Artikolu 173, tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali). Ix-xhieda esperti huma xhieda b'għarfien xjentifiku jew tekniku speċjali, li jsirulhom mistoqsijiet mill-qorti.

L-esperti għandhom id-dritt li jirrifjutaw li jwettqu l-perizja għall-istess raġunijiet li x-xhieda jistgħu jirrifjutaw li jixhdu.

## 2. Proċedura

### (a) Proċedura Ċivili

L-imħallef mhuwiex marbut bl-opinjoni tal-espert. L-uniku obbligu tal-espert huwa li jippreżenta r-rapport. L-esperti jistgħu jkunu f'kuntatt mal-partijiet matul il-proċedimenti, l-esperti maħtura mill-qorti jeħtieġu l-permess tal-qorti biex jagħmlu dan.

#### i. Rapport tal-espert

Fil-proċedimenti tal-esperti Rumeni mhuwiex meħtieġ rapport espert preliminari. Ir-rapport prinċipali jista' jiġi ppreżentat biss bil-miktub. L-espert irid isegwi ċerta struttura meta jipprovdri r-rapport tiegħu.

Jekk ikun meħtieġ li r-rapport tal-espert jiġi ċċarat jew supplimentat, jew jekk ikun hemm kontradizzjoni bejn l-opinjoni tal-esperti, il-qorti tista' *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet titlob lill-esperti biex jiċċaraw jew jikkompletaw ir-rapporti tagħhom.

Il-qorti tista' tordna kontroperizja fuq talba tal-partijiet jew *ex officio* jekk ikun hemm raġunijiet tajba biex tagħmel dan. Il-kontroperizja tiġi pprovduta minn espert differenti minn tar-rapport oriġinali. Il-qorti tiddeċiedi b'mod liberu fuq liema raġunament tibbaża s-sentenza tagħha.

#### ii. Smiġħ fil-qorti

Matul il-prosekuzzjoni kriminali jew il-proċess, l-espert jista' jinstema' mill-maġistrat inkwirenti jew mill-qorti fuq talba tal-prosekutur jew tal-partijiet jew *ex officio* jekk is-seduta ta' smiġħ tkun neċessarja biex jiġu ċċarati s-sejbiet jew il-konklużjonijiet tal-espert.

Fil-proċedura tal-liġi ċivili, jekk l-esperti jkunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom minnufih, huma jinstemgħu fis-seduta, bl-istess regoli tax-xhieda u l-opinjoni tagħhom tiġi rreġistrata fis-sentenza.

### (b) Proċedimenti kriminali

Jekk il-prosekutur jew il-qorti jqisu li l-kompetenza ma tkunx kompluta u dan in-nuqqas ma jkunx jista' jiġi rimedjat bis-smiġħ tal-espert, il-qorti għandha tordna, *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet, perizja supplimentari mill-istess espert. Jekk ma jkunx possibbli li jiġi nnominat l-istess espert, tiġi ordnata kontroperizja.

Il-prosekutur jew il-qorti għandhom jordnaw perizja ġdida jekk il-konklużjonijiet tar-rapport tal-esperti ma jkunux ċari jew ikunu kontradittorji u dawn in-nuqqasijiet ma jkunux jistgħu jiġu rimedjati billi jinstema' l-espert.

*L-informazzjoni ppreżentata hawnhekk inġabret matul il-Proġett Sib espert minn kuntatti għal kull pajjiż magħżula mill-Istitut Ewropew tal-kompetenzi u l-esperti EEEI.*

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.